# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 252/01mm**

**GasanMamo Insurance agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance Plc., kif surrogata bil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Busuttil**

**vs**

**Adrian Mallia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-:

1. Dikjarazzjoni tal-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-7 ta' Frar, 1999, gewwa Santa Lucia meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. KAN 831, minhabba negligenza, mprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mall-vettura Nru. JAD 993 propjeta' ta' Saviour Busuttil u misjuqa minn Stefan Busuttil u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.
2. Likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm978.18) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi (Dok A – Dok F).
3. Kundanna tal-konvenut ghall-hlas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm18.00), ta' l-ittra legali tal-24 ta' Gunju, 1999, (notifikata fl-1 ta' Lulju, 1999) u ta' Ittra Ufficjali ohra

pprezentata konteswalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-22 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.